**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 22 ta' Settembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 52/2013JVC**

**George Cutajar**

**Vs**

**Joyce Sultana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

1. Illi l-genituri tal-kontendenti cioe' l-missier Joseph Cutajar gia iben il-mejtin Josephine nee' Bugeja u l-omm Natalina Cutajar gia bint il-mejtin Carmel Grech u Mary Jane nee' Teuma, mietu fit-tletin (30) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) u fl-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) rispettivament .

2. Illi Joseph Cutajar irregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u disgha u sittin (1969) li permezz tieghu nnomina lil martu Natalina Cutajar bhala eredi universali tieghu.

3. Illi Natalina Cutajar irregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012).

4. Illi fid-data ta' l-apertura tas-successjoni ta' Joseph Cutajar, cioe' fid-data tal-mewt tieghu l-ligi kienet tipprovdi illi r-ragel seta' jhalli lil martu biss sa massimu ta' kwart tal-gid tieghu; bil-

konsegwenza illi r-rimanenti tluet kwarti wirtuhom ex lege z-zewgt uliedu l-kontendenti.

5. Illi a bazi ta′ dawn it-testmenti llum jirrizulta illi l-beni kollha ta′ Joseph u Natalina konjugi Cutajar kemm dawk tal-kommunjoni ta′ l-akkwisti kif ukoll dawk parafernali wirtuhom iz-zewgt uliedhom, il-kontendenti f′din il-kawza, fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom, cioe′ nofs kull wiehed u wahda minnhom.

6. Illi l-attur ma jridx jibqa′ aktar fi stat ta′ kommunjoni mal-konvenuta li minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghad-divizjoni bonarja, dejjem baqghet inadempjenti, jew gabet skuzi biex din ma ssirx.

7. Illi dan ir-rikors qed jigi kkonfermat bil-gurament skont il-ligi minn l-attur li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni ta′ l-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Natalina konjugi Cutajar, billi jigi dikjarat li tikkonsisti f′dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

2. Taqsam il-kommunjoni ta′ l-akkwisti hekk likwidata f′zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Cutajar.

3. Tillikwida l-assi partikolari ta′ Joseph Cutajar billi jigi dikjarat li jikkonsistu f′nofs il-komunjoni ta′ l-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-ohra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

4. Tillikwida l-assi partikolari ta′ Natalina Cutajar billi jigi dikjarat li jikkonsistu f′nofs il-komunjoni ta′ l-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-ohra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

5. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Joseph Cutajar f'zewg porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati porzjon lil kull wiehed u wahda miz-zewg kondividenti partijiet f'din il-kawza.

6. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Natalina Cutajar f'zewg porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati porzjon lil kull wiehed u wahda miz-zewgt kondividenti partijiet f'din il-kawza.

7. Tahtar Nutar Pubbliku Malti sabiex jippublika l-att opportun tad-divizjoni tal-wirt ta' Joseph Cutajar u Natalina Cutajar f'dik id-data hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi nominandi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Fin-nuqqas u f'kaz li jirrizulta illi l-beni m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni ta' l-istess beni, f'data hin u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti fis-sentenza taghha bl-intervent ta' oblaturi estranji, sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif inghad hawn fuq.

Bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu supportati unikament mill-konvenuta nkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali ta' Gunju 2013 u ta' Novembru 2012 u ta' l-ittri nterpellatorji tas-16 ta' Ottubru 2012 u tal-11 ta' Ottubru 2012.

Il-konvenuta tinsab imharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li eccepiet:

(1) Illi l-kawza *de quo* hija ntempestiva ghall-ahhar stante illi fil-verita' l-esponenti qatt ma rrifjutat jew altrimenti xekklet il-qasma ta' l-assi ereditarji tal-genituri taghha Joseph u Natalina konjugi Cutajar, u dana kif sejjer jirrizulta fil-mori ta' dina l-procedura. Apparti minn hekk, il-mittenti wisq tibza' illi dina l-kawza m'hija xejn ghajr ghal ritaljazzjoni da parti ta' l-attur wara illi hija nsistiet ghal rendikont shih ta' l-amministrazzjoni illi huwa wettaq bis-sahha tal-prokura illi kien akkwista minghand ommu u ommha waqt li dina kienet fis-sodda tal-mewt taghha; aspett illi dwaru l-esponenti qed tipproponi d-debita kontro talba kontra l-attur;

(2) Illi fil-mertu mbaghad, u konsegwentement ghal dak premess, l-esponenti ma topponix ghal tali qasma purche' dina tkun tirrifletti l-kontenut tat-testmenti mhollija mill-genituri taghha rispettivament u purche' jingabu ghad-divizjoni l-assi kollha tal-genituri tal-esponenti, inkluzi dawk li fil-prezent jistghu jinsabu fil-pussess tal-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;

Rat il-kontro talba tal-konvenuta li eccepiet:

Illi permezz ta' prokura datata t-tnejn (2) ta' Awwissu elfejn u tnax (2012) omm il-kontendenti u cioe' Natalina sive Nathalie Cutajar tat prokura lill-attur George Cutajar bil-ghan illi huwa jkun jista' jamministra l-flus illi l-istess Natalina Cutajar kellha mal-bank APS Bank Limited;

Illi dina l-prokura nghatat fl-istess gurnata illi l-istess Natalina Cutajar ghamlet it-testment pubbliku illi ghandu jirregola l-wirt u successjoni taghha;

Illi l-konvenuta Joyce Sultana hija flimkien ma' huha l-attur George Cutajar werrieta ta' ommha Natalina Cutajar, u ghalhekk ghandha kull interess illi tassigura illi l-amministrazzjoni illi wettaq l-attur bi flus ommha kienet wahda ekwa u fl-ahjar interess ta' l-istess ommha;

Illi minn dokumenti illi ghandha f'idejha l-esponenti jirrizulta illi l-attur Cutajar irtira *inter alia* s-segwenti ammonti mill-kont illi ommha kellha mal-bank fuq imsemmi; u senjatament l-ammont ta' sitt mija u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€690.34) illi gie rtirat fl-4 ta' Awwissu, 2012, u l-ammont ta' erba' mija tnejn u ghoxrin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€422.83) ngibed fil-11 ta' Awwissu, 2012; cioe tlett (3) ijiem qabel ma mietet l-istess Natalina Cutajar;

Illi l-esponenti kienet vicin ferm ta' ommha matul hajjitha, u specjalment f'dawk l-ahhar granet taghha illi ghamlithom rikoverata fl-Isptar Generali ta' Ghawdex, u ghalhekk hija ben konsapevoli ta' dawk l-

affarijiet illi kellha bzonn ommha, u ta' dawk l-affarijiet illi certament illi ma kellhiex bzonn f'dawk l-ahhar granet ta' hajjitha;

Illi minkejja illi l-attur Cutajar gie nterpellat; anke gudizzjarjament, sabiex jaghti rendikont ta' tali amministrazzjoni, huwa rrifjuta illi jaghmel dan u fil-fatt baqa' inadempjenti;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara illi l-attur ppercepixxa, fl-interess ta' ommu Natalina Cutajar u bis-sahha ta' prokura rilaxxata minnha ammont ta' flus provenjenti mill-kont taghha mal-APS Bank Limited;

(2) Tiddikjara li l-attur kien obbligat li jamministra dawn il-flus fl-interess ta'ommu Natalina Cutajar billi juzahom ghall-bzonnijiet taghha, u jaghti rendikont ta' dawn il-flus fi tmiem l-amministrazzjoni tieghu;

(3) Tiddikjara li huwa naqas milli jikkonfonforma ruhu ma' dan l-obbligu tieghu;

(4) Tikkundannah sabiex jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu, u konsegwentement tikkundannah sabiex jikkomputa fil-massa ereditarja kwalunkwe somma illi jirrizulta illi ma ntefqitx jew illi altrimenti ma gietx utilizzata fl-interess ta' Natalina Cutajar, flimkien mal-interessi relattivi.

(5) Tikkundannah ihallas lill-konvenuta Joyce Sultana sehmha minn dawn is-somom hekk rizultanti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji ta' l-4 u t-12 ta' Ottubru, 2012 u ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru, 2012, bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontra tieghu.

Rat ir-risposta guramentata ta' George Cutajar ghall-kontro talba tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament in-nullita tal-kontro talba stante illi ma fihijiex it-twissija rikjesta mil-ligi; u in oltre l-paragarafi tal-premessi ma humiex numerati.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jecepixxi l-inutilita' tal-kontro talba u anke l-*litis pendentida*. Dan peress illi l-kawza ta' l-attur, qua divizjoni ta' ereditajiet tal-genituri, timporta maghha l-ezercizzju ta' l-*actio familiae erciscundae*. Kwindi dak rikjest fil-kontro talba seta' intalab per via di eccezzione, u ma kienx hemm l-htiega ta' kawza ad hoc. Ghaldaqstant kwalsijasi spejjes ta' din il-kontro talba ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.

3. Illi fil-mertu l-eccepjenti jikkonferma illi huwa kellu l-prokura ta' ommu Natalina Cutajar, stante illi din kellha fiducja fih biss, u kien hu biss li kien idur biha tul il-marda taghha u fis-sodda tal-mewt. Il-flus li ngibdu mill-bank, u li huma ammonti minimi ntuzaw unikament (1) ghall-bzonnijiet u htigijiet ta' Natalina Cutajar; (2) sabiex thallsu kontijiet pendenti ta' l-omm (3) sabiex Natalina Cutajar hallset obbligi li hija kellha.

4. Illi dan kollu l-konvenuta tafu, taf  ukoll illi l-ammonti migbuda huma zghar izda l-konvenuta illi minn l-ewwel riedet tkun vessatorja u ma riedet qatt tikkopera, hasset li kellha tipprocedi b'dan il-mod.

5. Illi in oltre l-konvenuta ma ghandhiex dritt titlob tali rendikont spjegazzjoni stante illi dan inghata lil mandanti u ma hemmx l-obbligu  legali li jinghad lill-eredi.

6. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro talba huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

7. Illi dawn l-eccezzjonijiet qed jigu kkonfermati bil-gurament minn l-attur George Cutajar li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2013 gie verbalizzat li:

*'F'dan l-istadju Dr Kevin Mompalao jirtira l-ewwel eccezzjoni tal-kontrotalba, dwar it-tieni eccezzjoni jitlob illi din tittiehed in konsiderazzjoni fil-kap ta l-ispejjez';*

Rat id-dokumentazzjoni, xhieda, affidavits u provi kollha fl-atti;

Rat l-atti annessi tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 127/2013;

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Frar, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tikkonsisti f'talba ghall-qasma tal-wirt tal-genituri tal-partijiet u cioe' ta' Joseph Cutajar li gie nieqes nhar it-30 ta' Lulju, 1983 u Natalina Cutajar li giet nieqsa nhar l-14 ta' Awissu, 2012 u s-segwenti kontro-talba mressqa mill-konvenuta Sultana sabiex l-attur jaghti rendikont tal-amministrazzjoni mwettqa minnu bis-sahha ta' prokura (fol. 80) li kienet nghatat lilu minn omm il-partijiet fl-ahhar hmistax ta' hajjitha u jekk ikun il-kaz il-hlas dovut lill-konvenuta bhala eredi mis-sommom migbuda mill-attur.

Illi l-partijiet huma l-unici wlied tal-mejtin Joseph Cutajar u Natalina Cutajar. Mill-atti jirrizulta li t-testment li jirregola l-wirt tal-missier Joseph Cutajar huwa dak *unica charta* illi sar fl-atti tan-Nutar Guseppe Cauchi fil-21 ta' Jannar 1969 (fol. 17) u permezz ta' liema huwa nnomina lil martu Natalina Cutajar bhala l-werrieta universali tieghu. It-testment illi ghandu jirregola l-wirt tal-omm Natalina Cutajar huwa dak tat-2 ta' Awwissu 2012, fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech (fol. 14). F'dan it-testment Natalina Cutajar innominat lill-partijiet bhala l-werrieta universali taghha fi kwoti wgwali u ndivizi bejniethom.

Illi jirrizulta li qabel ma nfethet il-kawza odjerna kien hemm laqgha wahda bejn il-partijiet u l-Avukati taghhom dwar il-qasma tal-wirt tal-genituri taghhom kif ukoll ntbaghtet xi korrispondeza u ittri mill-

Avukati (liema ittri huma wkoll esebiti fl-atti a fol. 98 sa 102 tal-process) izda ghal ragunijiet diversi li jaghtu z-zewg partijiet, dawn ma waslux ghall-ftehim. L-attur, li f'dawn il-proceduri ma xehdx, isostni mill-atti li d-divizjoni ma sehhitx tort tal-konvenuta li mpikat filwaqt li l-konvenuta ssostni li hi kulma riedet rendikont tal-flus li gibed hu bil-prokura qabel ma tiftiehem. Fl-istess waqt l-attur akkuza lill-konvenuta li hadet is-somma ta' hames mitt Euro (€500) mid-dar tal-omm filwaqt li l-konvenuta takkuza lill-attur li ha d-deheb ta' ommha u li ma tafx x'sar minnu. Fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li l-partijiet waslu tant li giet intavolata l-kawza odjerna fil-11 ta' Gunju, 2013. Konsegwentmet gie wkoll intavolat mandat ta' deskrizzjoni mill-attur bin-numru 127/2013 kontra l-konvenuta li l-atti tieghu huma annessi datat 30 ta' Awissu 2013.

Illi dwar id-divizjoni per ser jirrizulta mill-atti li l-partijiet jaqblu fuq diversi punti kif isegwi (ara verbali a fol. 29 u 59 tal-process):

(i) Illi l-partijiet huma eredi tal-omm u tal-missier f'ishma ugwali bejniethom.

(ii) Illi l-assi tal-genituri taghhom jikkonsistu:

(a) Fil-fond bl-isem "NatalieJoe" fi Triq it-8 ta' Dicembru, Rabat, Ghawdex u li l-valur tieghu bi qbil bejn il-partijiet huwa attribwit ghall-prezz ta' mitt elf Euro (€100,000). Il-partijiet jaqblu wkoll li dan il-fond mhux kommodament divizibbli;

(b) L-oggetti mobbli li jinsabu fl-istess fond u li huma deskritti fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni 127/2013 anness. Fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur ta' dawn il-mobbli. Dwar dawn l-oggetti l-attur ma jsemmi xejn fis-sottomissjonijiet tieghu filwaqt li l-konvenuta tghid illi ghandhom jigu spartiti f'zewg ishma wgwali u jittellghu bix-xorti biex b'hekk kull parti jkollha tifkira tal-writ tal-genituri taghha fil-pussess taghha;

(c) Flus depozitati fil-Bank APS ghas-somma ta' tnax-il elf, seba' mija u tlieta u disghin Euro u tmienja u disghin centezmu

(€12,793.98) (ara xhieda ta' Leontine Refalo a fol. 39 tal-process u d-dokumenti esebiti minnha).

Il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar x'gara mid-deheb tal-omm izda fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar dan id-deheb b'dana li din il-Qorti ma tista' taghti l-ebda provvediment fir-rigward. Lanqas dwar l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta hadet flus ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500) mid-dar ta' ommha ma tressqu l-ebda provi ghalhekk din ukoll tibqa' biss allegazzjoni u mhux sufficjentement pruvata.

Ghaldaqstant minn dak suespost, jirrizulta li l-uniku divergenza bejn il-partijiet dwar kif ghandha ssir id-divizjoni bejn il-partijiet hija l-kwistjoni mqajjma fil-kontro-talba tal-konvenuta u cioe' jekk l-attur kellux jaghti rendikont tal-flus li gibed bil-prokura ta' ommu u jekk ghandux jigi kkundannat ihallas lill-konvenuta xi sehem mill-istess flus. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tissorvola l-kontro-talba qabel tkun tista' taghti provvedimenti finali dwar id-divizjoni.

**Kontro-talba:**

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju taqbel ma' dak sottomess mill-attur li rizultat tal-kontro-talba din il-kawza 'harget ferm 'il barra mid-dimensjoni taghha' rizultat li l-konvenuta talbet rendikont tal-flus li ngibdu mill-attur fi zmien hmistax li dam prokuratur u ghal xi raguni l-attur rrifjuta li jaghmel dan qabel ma giet ntavolata l-kawza. Fil-fatt hemm qbil li r-rendikont inghata biss fi stadju ta' din il-kawza u jinsab esebit a fol. 66 et seq tal-process. Minn dan ir-rendikont jirrizulta li ghall-ahhar xahar qabel mietet l-omm, l-attur u martu thallsu ta' ikel, hasil u affarijiet ohra li kienu jaghmlu lill-omm filwaqt li l-mejta talbithom ukoll xi flus, talbithom jixtrulha xi bzonnijiet bhal cards tal-mobile u anki thallsu xi kontijiet tad-dawl u ilma. Il-hlas tal-kontijiet mhux kontestat mill-konvenuta ghalkemm issostni li fil-verita' dawn thallsu ferm wara l-mewt tal-omm u dwar dan l-attur jaqbel li l-pagamenti saru ftit xhur wara.

Illi fil-qosor, mill-atti jirrizulta li l-kontestazzjoni principali hija li l-attur anzi principalment martu Joeline Cutajar li xehedet permezz ta' zewg affidavits (fol. 61 u fol. 224) u kontro-ezami (fol. 252) issostni li hi u r-ragel taghha kienu minn dejjem ta' sostenn ghall-mejta u sa minn meta giet djanjostikata bil-kancer fis-sena 2009 huma kienu jiehdu hsiebha,

johduha trattamenti u ghar-raggi u affarijiet bhal dawn. Tghid ukoll li kienu johorgu lil -atalina Cutajar u li kienu qed jaghmlu preparamenti biex jiehdu lil Natalina Cutajar tghix maghhom anki permezz tal-'Hospice Movement' qabel ma din giet rikoverata l-isptar f'nofs Lulju tal-2012 u mietet hemm fl-14 ta' Awissu, 2012. L-istess Joeline Cutajar tixhed illi fl-ahhar xahar fl-isptar hija kienet tqatta' sieghat twal ma' Natalina Cutajar u kienet tohdilha l-ikel kuljum u l-bzonnijiet kollha li kellha bzonn u kienet anki tahslilha l-hwejjeg. Dwar l-attivita' ta' Joeline Cutajar fl-isptar fl-ahhar xahar qabel il-mewt ta' Natalina Cutajar xehedet permezz ta' affidavit Antonia Grech li kienet tqatta' hafna hin ukoll l-isptar wara nofsinhar (affidavit a fol. 224 tal-process). Il-Qorti rat il-kontro ezami li sar lil din ix-xhud (a fol. 240) u li ghalkemm mara anzjana u l-kontro-ezami kien pjuttost iebes hija xorta wahda zammet mal-verzjoni taghha li kienet tara lil Joeline Cutajar tassisti lil Natalina Cutajar, ittiha x'tiekel (jew ahjar tiprova), tbidlilha u tiehu l-hwejjeg ghall-hasil. Il-Qorti ma tara xejn fix-xhieda ta' Antonia Grech li b'xi mod jista' jpoggilha xi dubju li din ma kinitx qed tixhed il-verita'.

Min-naha l-ohra l-konvenuta ssostni kompletament l-oppost u tghid li l-attur u martu kienu dejjem miggildin ma' ommha u li kienet hi li kienet taghmel kollox ghal ommha. Il-konvenuta xehdet permezz ta' affidavit a fol. 76 tal-process, a fol. 110 tal-process kif ukoll sar kontro-ezami a fol. 178 et seq tal-process. Gie esebit ukoll affidavit tar-ragel taghha Massimiliano sive Max Sultana a fol. 111 tal-process u sar ukoll kontro-ezami tieghu a fol. 229 et seq tal-process. Minn din ix-xhieda l-Qorti rat li certament bejn il-partijiet kienet tezisti certu pika dwar ommhom anki fiz-zmien li din kienet ghadha hajja. Pero' certu stanzi fix-xhieda tal-konvenuta u r-ragel taghha ndikaw lil din il-Qorti li dak li fil-bidu l-konvenuta bdiet issostni u cioe' li l-attur u martu qatt ma ghamlu xejn ghal ommha anzi li kienu miggildin maghha ma kienx minnu tant li fil-kontro-ezami r-rezistenza tal-konvenuta bdiet tbatti bhal per ezempju ammettiet li kien hemm zmien fejn mart l-attur marret mal-omm ghat-trattamenti, ammettiet ukoll li huha u martu kienu spiss jistiednu l-ommmha ghall-'parties' ta' uliedhom u affarijiet bhal dawn. Da parti tieghu Massimiliano Sultana b'mod partikolari fil-kontro-ezami tieghu hareg car li hafna mill-affarijiet li huwa xehed fuqhom hu semaghhom jew minghand martu jew minn kliem il-mejta li suppost kienet qed tirrakuntalu dak li ntqal lilha mill-attur u martu fuq it-telefon. Sahansitra fol. 230 tal-process ir-ragel tal-konvenuta jghid li l-attur qatt ma ghamel xejn hazin ghajr illi wara li zzewweg huwa qata' mid-dar ta'

ommu u zamm ghalih. Meta mistoqsi jekk jafx li mart l-attur kinitx verament tahsel il-hwejjeg ta' Natalina Cutajar fiz-zmien li kienet tkun l-isptar huwa ma jsostnix il-verzjoni ta' martu (li sostniet li hi kienet taghmel dan kollu) izda jirrispondi b'mod evasiv billi jghid li martu wkoll kienet tahsel. Din hija ammissjoni cara li r-ragel tal-konvenuta jaf li mart l-attur kienet ukoll tiehu hsieb lil Natalina Cutajar, b'mod partikolari fiz-zmien tal-ahhar xahar qabel mewtha meta kienet l-isptar. Il-fatt li fuq il-'file' tal-mejta tal-isptar hemm imnizzlin bhala 'next of kin' l-attur u martu certament huwa sinjal li xi haga l-atturi kienu jaghmlu biex jiehdu hsieb lil Natalina Cutajar u mhux glied biss kif pruvat taghti x'tifhem il-konvenuta.

Minn dak kollu suespost, u mill-atti kollha li l-Qorti qrat kelma b'kelma, il-Qorti tqis li l-verita' hi li l-attur, anzi pjuttost martu, kienet taghmel hafna ma' Natalina Cutajar bhalma probabbli kienet taghmel ukoll il-konvenuta izda jidher li l-konvenuta ma tantx kienet tnizzilha li mart l-attur tigi apprezzata minn ommha wkoll. Da parti taghha l-mejta Natalina Cutajar probabbilment dejjem pruvat izzomm il-paci bejn uliedha u kienet, mid-deher fl-atti, tipprova tikkuntenta z-zewg partijiet billi tghidilhom dak li jixtiequ jisimghu filwaqt li setghet b'xi mod kienet qed izomm mistur dak li taghmel parti ghaliha mill-parti l-ohra.

Illi jirrizulta wkoll li dakinhar li saret il-prokura (a fol. 80) a favur tal-attur minn ommu, Natalina Cutajar giet ukoll ezaminata u certifikata (fol. 16) li kienet bizzejjed f'sensiha li tista' taghmel testment, b'dana li wiehed bilfors ghandu jassumi li kienet ukoll f'sensiha biex taghmel il-prokura favur binha l-attur, ghalhekk l-attur kellu kull dritt jaghmel l-atti li ghamel ai termini tal-istess prolkura. L-attur isostni li permezz taz-zewg ammonti ta' sitt mija u disghin Euro u erbgha u tletin centezmu (€690.34) u erba' mija u tnejn u ghoxrin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€422.83) (ara dokument a fol. 51) hu u martu thallsu, fuq struzzjonijiet ta' ommu, tal-ispejjez li ghamlu ghaliha u s-servizzi li ghamlulha bhal ikel u hasil ta' hwejjeg apparti xi flus li taw lill-istess ommu u kontijiet li hallsu. Il-Qorti temmen li l-verzjoni korretta hija li l-attur u martu verament ghamlu diversi spejjez ghal ommu u hadulha l-ikel u bzonnijiet ohra fl-ahhar xahar li ghamlet l-isptar u temmen ukoll li ghalkemm setghu hadulha l-ikel din mhux neccessarjament kienet tieklu kif anki kkonfermat ix-xhud Antonia Grech u anki xehedu fid-dettal it-tobba fl-atti. Tqis ukoll li mhux neccessarjament ir-rendikont a fol. 66 tal-process jevidenzja bl-ezatt dak kollu li ghamlu l-atturi u hadu kuljum

anzi ma temminx li kienet qed tinzamm lista dettaljata ta' kuljum qabel ma' din giet mitluba mill-konvenuta. Izda, din il-Qorti rinfaccjata bi prokura a favur l-attur valida moghtija liberament mill-mejta lilu kif ukoll b'gustifikazzjoni plawsibbli dwar x'sar mill-flus, ma tqisx li t-talba tal-konvenuta sabiex hija, bhala eredi, tithallas xi parti minn din is-somma hija gjustifikata.

Dwar il-kwistjoni jekk l-attur kellux l-obbligu izda li jaghti r-rendikont lil ohtu bhala eredi, din il-Qorti tqis li kellha kull dritt li titlob li tinghata tali rendikont qua eredi, anki jekk possibilment jista' jitqies li l-ammont kien zghir (ghalkemm fuq perjodu ta' xahar ma kienx daqshekk zghir). Il-konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha dwar dan il-punt issostni kif isegwi:

*'Illi kaz analogu għal dak in ezami kien dak fl-ismijiet* ***George Agius et vs. Julian Agius et*** *deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu 2016 fejn dik l-Onorabbli Qorti kellha dan xi tghid:*

*Il-Qorti ghalhekk hi konvinta illi l-konvenut Julian Agius kien amministratur u prokuratur de facto tal-beni tal-genituri tal-konvenuti u wara l-mewt taghhom, l-atturi kellhom kull dritt jitolbu lil konvenut Julian Agius jaghtihom rendikont tal- amministrazzjoni tieghu, billi huma bhala eredi tal-konjugi Agius u dan a bazi tal-artikolu 1875 tal-Kap. 16 li dwarha ma jidhirx li xi parti qajjem dubju, kellhom sehem mill-assi tal-konjugi Agius. Ghalhekk l-ewwel talba ghal dikjarazzjoni li l-konvenut Julian Agius kien jamministra l-beni konsistenti fi flus u depoziti hi ben fondata.'*

Ukoll il-fatt li l-attur baqa' ma tax ir-rendikont tul il-laqghat nonostante l-korrispondenza li saret qabel il-kawza ghen sabiex il-partijiet waslu ghall-kawza u anki sabiex il-konvenuta prezentat il-kontro-talba taghha. F'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuta dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut rikonvenjonat kif isegwi:

*'Illi l-esponenti temmen illi din ir-regola ma ghandhiex tkun ta' xkiel ghall-kontro-talba taghha. Wara kollox permezz ta' din il-kontro-talba hija mhux qed titlob xi qasma parzjali ta' xi wirt, izda qed titlob rendikont ta' dak imwettaq mill-attur; agir illi sahansitra jirreferi għal pejodu illi ppreceda l-ftuh tas-successjoni de quo; u agir illi huwa ndipendenti u distint mill-istess wirt u mill-istess qasma;'*

Din il-Qorti ghandha d-dubji taghha jekk l-attur kienx jaccetta dawn it-talbiet tal-konvenuta in via ta' eccezzjoni u tqis li l-konvenuta ghamlet sew li ma haditx riskji u pprezentat il-kontro-talba, b'riserva dejjem u minghajr pregudizzju ghad-decizjoni ta' din il-Qorti dwar il-mertu tal-istess.

Illi min-naha l-ohra fil-mori tal-kawza l-Qorti tqis li kien x'kien ir-rendikont moghti mill-attur, il-konvenuta konsegwenza tal-pika li kellha ma' mart l-attur jekk mhux ukoll ma' huha probabbilment xorta wahda ma kinitx ser tasal ghal xi ftehim li kieku rat dan ir-rendikont qabel. Il-fatt mhux kontestat mill-partijiet li l-konvenuta rrifjutat il-bejgh tal-immobbli tal-eredita' nonostante li kien instab il-bejgh tieghu bi prezzu jevidenzja wkoll il-pika gejja da parti tal-konvenuta fejn f'dak il-kaz il-kwistjoni dwar is-somma ta' madwar elf Euro (€1000) migbuda mill-attur meta komparata mal-valur tal-immobbli verament kienet wahda negligibbli u se mai dawk setghu jibqghu kontestati bejn il-partijiet anki li kieku sar il-bejgh. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-ispejjez tad-divizjoni ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati aktar mill-konvenuta milli mill-attur.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi t-talbiet tal-attur billi fl-ewwel lok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Natalina konjugi Cutajar, billi tiddikjara li din tikkonsisti kif isegwi:

(a) fil-fond bl-isem "NatalieJoe" fi Triq it-8 ta' Diċembru, Rabat, Għawdex u li l-valur attribwibbli tieghu huwa ta' mitt elef Euro (€100,000);

(b) L-oggetti mobbli li jinsabu fl-istess fond u li huma deskritti fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni 127/2013 anness.

(c) Flus depozitati fil-Bank APS ghas-somma ta' tnax-il elf, seba' mija u tlieta u disghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€12,793.98).

u li l-porzjon tal-konjugi Cutajar rispettivament tikkonsisti f'nofs dawn l-assi kull wiehed;

2. Ghal dak li huma flus tal-komunjoni tal-akkwisti, u stante li jirrizulta li l-partijiet huma eredi f'ishma wgwali bejniethom, tordna li kull parti tigi assenjata u tinghata nofs kull wiehed mill-ammonti depozitati hawn fuq decizi;

3. Ghal dak li huma mobbli fil-fond kif deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni 127/2013 din il-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Anna Maria Mizzi sabiex, a diskrezzjoni taghha u jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' espert nominat minn din il-Qorti wara rikors, wara li tezamina l-mobbli nvoluti taqsam l-istess mobbli f'zewg porzjonijiet kemm jista' jkun ta' valur ugwali, liema porzjonijiet ghandhom jittellghu bix-xorti mill-istess Nutar u assenjati porzjon kull wiehed lill-partijiet;

4. Tahtar lin-Nutar Anna Maria Mizzi sabiex tippublika l-atti opportuni tad-divizjoni tal-wirt ta' Joseph Cutajar u Natalina Cutajar li u jekk jirrizultaw neccessarji, f'dik id-data hin u lok li jigu ffissati mill-istess Nutar fi zmien massimu ta' tliet xhur mil-lum, filwaqt li tahtar lil Dr. Joseph Grech bhala kuratur nominandi sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Stante li hemm qbil bejn il-partijiet li l-immobbli bl-indirizz "NatalieJoe" fi Triq it-8 ta' Diċembru, Rabat, Ghawdex bil-valur attribwibbli tieghu ta' mitt elf Euro (€100,000) mhux kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni ta' l-istess fond bil-valur ta' mitt Elf Euro (€100,000), fi zmien massimu ta' tliet xhur mid-data li din id-decizjoni ssir gudikat bl-intervent ta' oblaturi estranji, sabiex ir-rikavat jigi spartit bejn il-kontendenti f'zewg ishma ta' valur ugwali bejniethom.

Ghar-ragunijiet suespost, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti billi:

(1) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat stante li giet irtirata fil-verbal tal-5 ta' Dicembru, 2013, tichad it-tieni eccezzjoni fil-mertu stante li l-attur ma baqax jinsisti fuqha salv bhala konsiderazzjoni ghall-ispejjez, tichad ir-raba' u l-hames

eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat bhala nfodnati, tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat ghar-ragunijiet kif suesposti, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, u

(2) tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta filwaqt li tichad it-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta;

Bl-ispejjez kollha tad-divizjoni nkluz tan-Nutar, kuratur, espert jekk ikun il-kaz u licitazzjoni ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenuta.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur